MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Mandat Numru. 948/2012/1

Rat ir-rikors ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni tat-3 ta’ Lulju 2012;

Rat li dan ir-rikors gie milqugh provvizorjament fit-3 ta’ Lulju 2012;

Rat ir-risposta tal-intimati tad-9 ta’ Lulju 2012;

Rat li d-difensuri tal-partijiet trattaw ir-rikors fis-seduta tat-12 ta’ Lulju 2012.

**Ikkunsidrat**

Premess li l-ghan ta’ talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta’ hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta’ mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-

nuqqas ta’ hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta’ mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Dak li qed jitolbu r-rikorrenti hu s-segwenti. Ir-rikorrenti huma sidien tal-fond 38/39 Triq il-Poeta Nazzjonali, Zebbug. L-intimati huma sidien tal-fond 40 Triq il-Poeta Nazzjonali, Zebbug. Ir-rikorrenti qed jitolbu li l-intimati ma jkomplux xogholijiet ta’ skavar, jew kostruzzjoni, jew istallazzjoni jew zvilupp li ghandu x’jaqsam mal-istallazzjoni tal-kaxxa, makkinarju u struttura tal-lift jew ix-xaft. Din l-istallazzjoni qed issir mal-hajt divizjorju bejn iz-zewg proprejtajiet. Ir-rikorrenti jikkontendu li huma dahlu fi ftehim mal-intimati illi tinbena qoxra zejda fil-parti fejn kellu jsir ix-xaft tal-lift fil-proprjeta tal-intimati. Dan il-hajt kien intiz biex il-proprjeta tar-rikorrenti tkun protetta u jigu mnaqqsa d-danni fil-binja mit-thaddim tal-lifts. Ziedu li dan il-hajt kellu l-funzjoni li jrendi l-hajt divizjorju stabbli u jirrimedja ghall-abbuz tal-intimati li skavaw sal-hajt tal-appogg minghajr ma zammew id-distanzi legali. Jammettu li x-xaft thaffer u beda jsir l-istallazzjoni tal-lift ghalkemm il-makkinarju ghadu ma tqieghedx. Ir-rikorrenti qed jargumentaw illi jekk il-lift jitlesta mhux ser ikun possibbli li tinbena l-qoxra fix-xaft; ser isofru disturb bil-hsejjes tat-thaddim tal-lift; l-istallazzjoni tal-kaxxa, makkinarju u strutturi tal-lift ser jippregudikaw is-sahha u stabbilita tal-hajt divizorju.

Din il-Qorti mhix konvinta li r-ragunijiet moghtija mir-rikorrenti huma sufficjenti ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni. Qabel xejn l-intimati jichdu li sar xi ftehim bejn il-partijiet li tinbena qoxra mal-hajt divizorju fil-livell tax-xaft tal-lift. Inoltre ix-xaft illum hu skavat u lest u l-lift qed jigi stallat. Ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex il-poter

tirrimedja b'dan il-mandat ghal dak li gia sar peress li l-ligi hi intiza fis-sens li l-Qort twaqqaf lil xi hadd milli jaghmel xi haga u mhux tirrimedja bil-mandat ghal sitwazzjoni ex post facto. Dan ma jfissirx illi r-rikorrenti tilfu r-rimedji li taghtihom il-ligi jekk, kif qed jigi allegat, l-intimati skavaw f'distanza inqas minn din permessa mill-ligi, tant illi s-sentenzi ricenti tal-Qorti qed jimponu b'mod kategoriku r-ripristinar tas-sit ghal dak li kien qabel il-vjolazzjoni hu x'inhu l-prezz li jrid ihallas dak li jkun ikkommetta l-vjolazzjoni.  Ma ngiebet ebda prova li dan ma jistax isir f'dan il-kaz. Kull ma jghidu r-rikorrenti u f'dan il-perit taghhom kien fi qbil hu illi ser ikun difficli li l-intimati jibnu qoxra meta l-lift jigi stallat.

In kwantu ghar-ragunijiet l-ohra, anki jekk ghal grazzja tal-argument ir-rikorrenti ghandhom dritt prima facie li ma jsirx ebda lift jekk imiss mal-hajt divizorju, b'daqshekk ma jfissirx illi jekk dan beda jsir ser isofru pregudizzju li ma jistax jissewwa jekk l-intimati jkomplu bix- xogholijiet ta' istallazzjoni. Fl-ewwel lok ir-rikorrenti jilmentaw illi l-lift mwahhal fil-prossimita tal-hajt divizorju ser jippregudika l-istabbilita tal-hajt u illi ser jikkreja disturb bil-funzjonament tal-lift. Ir-rapport ex parte tar-rikorrenti datat 2 ta' Gunju 2012 sar b'risposta ghal condition report ta' hsarat kommessi mal-perit tal-intimat. Fl-ahhar tar-rapport ex parte tar-rikorrenti jinghad illi l-iskavar sar kontra l-ligi u illi l-iskavar fil-lift pit ma giex rinforzat biex jaghmel tajjeb gahn-nuqqas ta' sahha li giet kawzata. Inoltre l-istallazzjoni tal-makkinarju tal-lift ser jikkomprometti t-tqeghid ta' qoxra kif gie indikat lilu li kellu jsir u li ser ikun kemm vibrazzjoni u storbju u konsegwentement dannu strutturali. Ma ngiebet ebda prova cara li ser tigi kommessa hsara gravi u serja bl-istallazzjoni tal-lift li ser tipperikola l-bini jew il-hajja tal-bniedem jew li hi irrimedjabbli u ghalhekk jekk tigi kommessa hsara din hi rimedjabbli bil-proceduri appoziti. Kien ikun mod iehor kieku l-perit kien tal-opinjoni li l-istallazzjoni ser tipperikola l-istabbilita tal-hajt divizorju b'mod li dan kien perikoluz. Inoltre, apparti li ma gie ppruvat ebda forma ta' disturb billi l-lift ghadu mhux funzjonanti, jekk jirrizulta fil-futur li l-funzjonarment tal-lift ser jikkreja disturb, allura r-rikorrenti

ghandhom rimedju legali disponibbli biex il-Qorti twaqqaf id-disturb.

**Decide**

Ghalhekk din il-Qorti tilqa' l-oppozizzjoni tal-intimati ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni u fil-waqt li tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tat-3 ta' Lulju 2012, tichad it-talba ghal hrug tal-mandat ta' inibizzjoni, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------